GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM
U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 16 ta' Marzu 2021 **Ref:** DLAP 089/2021

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** Kors online għall-ġenituri/kustodji dwar it-tagħlim tal-kitba kreattiva

---

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu se terġa' torganizza kors online għall-ġenituri/kustodji dwar it-tagħlim tal-kitba kreattiva bl-isem "Il-Kitba Tgħaqqdna! / *Writing Unites Us!*" Dan il-kors huwa maħsub għall-ġenituri/kustodji li jixtiequ jitgħallmu strateġiji tal-kitba kreattiva biex ikunu jistgħu jgħinu lil uliedhom id-dar.

Dan il-kors online se jittella' kull ġimgħa fuq il-paġna Facebook tal-***Malta Writing Programme*** minn nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu sa nhar l-Erbgħa 5 ta' Mejju 2021. Din hija l-iskeda ta' dan it-taħriġ:

| Sessjoni | Titlu tas-sessjoni | Data |
|---|---|---|
| Sessjoni 1 | Il-Proċess tal-Kitba | 24 ta' Marzu 2021 |
| Sessjoni 2 | Il-Mistoqsijiet | 7 ta' April 2021 |
| Sessjoni 3 | Nużaw is-sensi | 14 ta' April 2021 |
| Sessjoni 4 | X'inhu d-Djarju tal-Kitba? (l-ewwel parti) | 21 ta' April 2021 |
| Sessjoni 5 | X'inhu d-Djarju tal-Kitba? (it-tieni parti) | 28 ta' April 2021 |
| Sessjoni 6 | Kif nagħtu rispons | 5 ta' Mejju 2021 |

Wara li jispiċċa dan il-kors online, se jittellgħu spunti għall-kitba fl-istess paġna. Iktar informazzjoni dwar dan tingħata 'l quddiem.

Ġenituri/Kustodji li jixtiequ jsegwu dan il-kors jistgħu jaċċessaw il-materjal imtella' fil-paġna ta' Facebook imsemmija hawn fuq f'kwalunkwe ħin tal-jum.

Għal iktar informazzjoni, tistgħu tikkuntattjaw lis-Sa Erika Borg Medati (Senior Manager) billi tibagħtu ittra elettronika lil mwp.nla@ilearn.edu.mt jew iċċemplu 2598 3324.

Grazzi tal-attenzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**